# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru   35**

**Avviz  numru      2363/97/SM**

**Dhalia Central Limited**

**vs**

**Joanna Bonello**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta' Novembru ta' l-1997 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u ghaxar liri Maltin (LM210.00,0) minnha dovuta lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' senserija skond il-ligi in rigward ta' bejgh u trasferiment tal-fond ossija "flat" no 2, Triq il-Forga, Naxxar, liema flat hi bieghet lil Kenneth Bowman u Mireille Falzon permezz ta' kuntratt pubbliku datat it-2 t'April, 1996 u iskritt fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri;**

2. **Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mit-2 t'April, 1996 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-3 ta' Frar ta' l-1998 lil permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li:**

a. **Il-fond in kwistjoni ma kienx ghall-bejgh b'esklussivita f'idejn is-socjeta' attrici;**

b. **In-negozjati ghall-bejgh tieghu dapparti tal-eccipjenti, saru direttament mal-kompraturi minghajr ebda involviment tas-socjeta' attrici;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta:**

**Semghet ix-xhieda ulterjuri prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi a skans ta' ripetizzjoni taghmel ampja referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Dhalia Central Limited vs Kenneth Bowman u Mireille Falzon" deciza minn din l-istess qorti kif preseduta llum stess;**

**Illi tiddikjara wkoll li in effetti l-konvenuta Bonello ghalkemm ma deheritx f'ismiha proprju fil-kuntratt inkriminat f'dawn il-proceduri pero' kienet ukoll beneficjarja ta' l-isforzi rezi mis-socjeta' attrici u kellha interess pekunjarju fl-attwazzjoni tieghu;**

**Ghaldaqstant filwaqt li tiddikjara lis-socjeta' attrici bhala mandatarja retribwibbli, u fil-waqt li tiddikjara li qed tordna li jinghata kumpens *arbitrio boni viri* u diskrezzjonali ghar-ragunijiet indikati fid-decizjoni fuq riferita u**

**konsegwentement tiddeciedi ukoll li takkolla fuq il-konvenuta l-ammont ta' mija u hamsin Lira Maltin, (LM150.00,0), bhala ammont dovut minnha lis-socjeta' attrici ghas-servizz lilha rez, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**